# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 6 ta' Lulju, 2017**

**Kawża Nru 50**

**Rik. Nru. 509/17JRM**

Ben Ali **WAHID BEN HASSINE**

vs

**BORD TAL-*PAROLE*** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar talba għal smigħ tal-kawża b'urġenza magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tas-6 ta' Ġunju, 2017, imressaq flimkien ma' Rikors Maħluf fil-kawża fl-ismijiet premessi. L-imsemmija kawża hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba biex tħassar deċiżjoni mogħtija mill-Bord intimat fl-24 ta' Mejju, 2017[1], wara sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' April, 2017[2];

[1] Dok "W3", f'paġġ. 47 – 56 tal-proċess
[2] Dok ""W2", f'paġġ. 39 – 46 tal-proċess

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-15 ta' Ġunju, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, opponew għat-talba li l-kawża tinstema' b'urġenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-kawża li fetaħ l-attur hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba biex tħassar deċiżjoni mogħtija mill-Bord imħarrek li sab li, minkejja l-progress li l-attur wera lejn ir-rijabilitazzjoni tiegħu, iż-żamma tiegħu fil-ħabs hija ġustifikata u f'dan l-istadju ma jmissux jinħeles inkondizzjonalment u li talba għall-konsiderazzjoni mill-ġdid dwar il-piena imposta fuqu għandha ssir fi żmien ħames snin minn dakinhar tad-deċiżjoni. L-attur jgħid li l-imsemmija deċiżjoni hija mtebbgħa bi ksur u nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, minħabba li ma ngħatax smigħ xieraq mill-istess Bord qabel ma dan ta d-deċiżjoni tiegħu;

Illi l-imħarrkin jikkontestaw l-allegazzjonijiet tal-attur u, għall-imsemmija azzjoni tiegħu, ressqu kemm eċċezzjonijiet ta' natura preliminari proċedurali u kif ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi kif sewwa jissottomettu l-imħarrkin fit-Tweġiba tagħhom għar-Rikors tal-Urġenza, l-azzjoni mnedija mill-attur hija maħsuba biex tħassar id-deċiżjoni tal-Bord imħarrek u mhux li titlob il-ħelsien tiegħu mis-sentenza li qiegħed iservi u li ngħatat mill-Qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni Kriminali;

Illi l-Qorti tqis li, bħal kull każ ieħor ta' stħarriġ ġudizzjarju li jitressaq quddiemha, jqumu kwestjonijiet ta' ċerta serjeta' li jwieżnu l-jeddijiet taċ-ċittadin mal-għemil tal-organi jew awtoritajiet pubbliċi. Dan jitlob smigħ b'ħeffa xierqa imma mhux tabilfors b'urġenza. F'dan il-każ, l-attur jista' jinqeda minn għodda proċedurali oħrajn fejjieda li l-liġi tagħtih u li din il-Qorti bl-ebda mod mhi sejra ċċaħħdu minnhom;

Illi jibqa' dejjem il-fatt li ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ jiddeterminaw jekk każ imissux jinstema' b'urġenza jew le u li l-Qorti li quddiemha ssir talba bħal din trid tara jekk jikkonkorrux il-kundizzjonijiet biex tilqa' talba bħal din[3]. Il-ħtieġa ta' smigħ b'urġenza titnissel min-natura tal-kawża li tkun[4]

---

[3] P.A. Kost **6.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Azzopardi vs Reġistratur tal-Qorti et*** (mhix pubblikata)
[4] P.A. **21.1.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartoli vs Semini et*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.91**)

u din titlob li l-preġudizzju tal-parti li titlob is-smigħ b'urġenza jkun wieħed li ma jitreġġax lura jew ma jissewwiex mod ieħor[5];

Illi la l-qagħda preżenti li jinsab fiha l-attur u lanqas dik maħluqa bid-deċiżjoni tal-Bord imħarrek ma jikkostitwixxu ħsara irriversibbli lill-istess attur u minħabba f'hekk ukoll il-Qorti ma tarax għaliex għandha tilqa' t-talba tal-attur biex is-smigħ ta' din il-kawża jsir qabel dak ta' kawżi oħrajn, kif ikollu jsir jekk kemm-il darba tintlaqa' t-talba tiegħu għal smigħ b'urġenza;

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tal-attur biex din il-kawża tinstema' b'urġenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**6 ta' Lulju, 2017**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**6 ta' Lulju, 2017**

[5] P.A. **27.8.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.175**)